MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tat-2 ta' Settembru, 2014

Numru. 821/2014

**Il-Pulizija**
**Spettur Elton Taliana**

**VS**

**Sofyan Salem, bin Mohamed u Ftitima nee‘ Dibiski, imwieled nhar id-9 ta‘ Marzu, 1992 fil-Libja u residenti fil-fond numru 6, Richmond Court, Triq Ghar il-Lembi, Sliema, detentur tal-karta tal-identita‘ numru 104815A;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Sofyan Salem** li gie akkuzat talli nhar id-9 ta’ Awwissu, 2014 ghall-habta tal-05.30hrs f’San Giljan, u fil-vicinanci:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Fathi Al Gamudi (Art 216, 218 Kap 9);

2. U aktar talli bil-hsieb illi jaghmel delitt wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt sabiex jaghmel ferita gravissima fuq

il-persuna ta‘Fathi Al Gamudi, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tal-hati (Art 41(a), 218 Kap 9);

3. U aktar talli fi glieda accidentali, ha parti attiva meta wettaq griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Fathi Al Gamudi (Art 237 Kap 9);

4. U aktar tali qajjem rewwixta jew glieda bil-hsieb illi jaghmel offiza fuq il-persuna ta’ Fathi Al Gamudi (Art 238 Kap 9);

5. U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied (Art 338 (dd) Kap 9).

Rat l-ammissjoni bikrija tal-imputat fl-istadju tal-interroagorju waqt il-prezentata b’arrest, u dan wara li nghata zmien xieraq mill-Qorti sabiex jerga’ jahseb dwar l-istess.

Qieset it-tielet (3), ir-raba’ (4) u l-hames (5) akkuzi bhala komprizi u nvoluti.

Qieset illi l-glieda nqalghet minhabba dak gia’ rifless fis-sitwazzjoni prekarja ta’ Pajjiz il-partjiet, u kif ukoll illi huma hafru lil xulxin.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni, u wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 218, 237, 238, 338(dd), u 17 ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi **Sofyan Salem** hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta‘ tmintax(18)-il xahar sospizi ghal tlitt(3) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

Il-Qorti spjegat il-konsegwenzi ta‘ ksur ta‘ din is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------